Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2025/0246(COD)

5.3.2026

EMENDI
49 - 121

Abbozz ta' rapport
Sakis Arnaoutoglou
(PE781.323v01-00)

L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura u t-tħassir tar-Regolamenti (KE) Nru 1921/2006, (KE) Nru 762/2008, (KE) Nru 216/2009, (KE) Nru 217/2009 u (KE) Nru 218/2009

Proposta għal regolament
(COM(2025)0435 – 2025/0246(COD))

Emenda 49
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Statistika Ewropea affidabbli, komprensiva u f'waqtha hija essenzjali għat-tfassil, għall-implimentazzjoni, għall-monitoraġġ***,*** u għall-evalwazzjoni tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relatati mas-sajd u mal-akkwakultura, b'mod partikolari taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-politika komuni tas-sajd ("PKS")[1]. Dik l-istatistika tgħin ukoll biex ***jiġi vvalutat*** l-impatt tas-sajd u tal-akkwakultura ***fuq l-iżvilupp*** tan-negozju, is-sigurtà tal-ikel, il-kwalità tal-ilma, l-ispeċijiet sensittivi, il-ħabitats, it-tibdil fil-klima u s-saħħa pubblika, kif ukoll biex jiġu vvalutati l-funzjonament tas-suq u l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-NU.	(1) Statistika Ewropea affidabbli, komprensiva u f'waqtha hija essenzjali għat-tfassil, għall-implimentazzjoni, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relatati mas-sajd u mal-akkwakultura, b'mod partikolari taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-politika komuni tas-sajd ("PKS")[1]. Dik l-istatistika tgħin ukoll biex ***jiġu vvalutati*** l-impatt ***u l-kontribut potenzjali*** tas-sajd u tal-akkwakultura ***għall-iżvilupp*** tan-negozju, is-sigurtà tal-ikel, il-kwalità tal-ilma, l-ispeċijiet sensittivi, il-ħabitats ***u l-irkupru tal-ispeċijiet***, it-tibdil fil-klima***, il-bijoekonomija*** u s-saħħa pubblika, kif ukoll biex jiġu vvalutati l-funzjonament tas-suq u l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-NU.
[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.	[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.

Or. en

Emenda 50
Kristoffer Storm

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Statistika Ewropea affidabbli, komprensiva u f'waqtha hija essenzjali għat-tfassil, għall-implimentazzjoni, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relatati mas-sajd u mal-akkwakultura, b'mod partikolari taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-politika komuni tas-sajd ("PKS")[1]. Dik l-istatistika tgħin ukoll biex jiġi vvalutat l-impatt tas-sajd u tal-akkwakultura fuq l-iżvilupp tan-negozju, is-sigurtà tal-ikel, il-kwalità tal-ilma, l-ispeċijiet sensittivi, il-ħabitats, it-tibdil fil-klima u s-saħħa pubblika, kif ukoll biex ***jiġu vvalutati l-funzjonament*** tas-suq ***u l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-NU***.	(1) ***Sabiex tiġi salvagwardjata l-industrija tas-sajd Ewropea,*** statistika Ewropea affidabbli, komprensiva u f'waqtha hija essenzjali għat-tfassil, għall-implimentazzjoni, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relatati mas-sajd u mal-akkwakultura, b'mod partikolari taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-politika komuni tas-sajd ("PKS")[1]. Dik l-istatistika tgħin ukoll biex jiġi vvalutat l-impatt tas-sajd u tal-akkwakultura fuq l-iżvilupp tan-negozju, is-sigurtà tal-ikel, il-kwalità tal-ilma, l-ispeċijiet sensittivi, il-ħabitats, it-tibdil fil-klima u s-saħħa pubblika, kif ukoll biex ***jiġi vvalutat il-funzjonament*** tas-suq.
[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.	[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.

Or. en

Emenda 51
Kristoffer Storm

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u	(2) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u

l-akkwakultura jenħtieġ li titfassal biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ***ibbażat*** fuq l-evidenza ***u biex timmonitorja l-progress lejn l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni***, ***bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew.***	l-akkwakultura jenħtieġ li titfassal biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ***prattiku u bbażat*** fuq l-evidenza***, filwaqt li tissalvagwardja l-vijabbiltà ekonomika***, ***l-għajxien u l-kompetittività tas-sajjieda u tal-komunitajiet kostali Ewropej,*** u ***tqis kif xieraq l-ispeċifiċitajiet soċjali***, ***reġjonali u tal-baċiri tal-baħar***.
[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u ***Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni***, ***Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final)***.	
	Or. en

Emenda 52
Stephen Nikola Bartulica

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura jenħtieġ li titfassal biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u biex timmonitorja l-progress lejn l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni, ***bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew[2]***.	(2) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura jenħtieġ li titfassal biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u biex timmonitorja l-progress lejn l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni, ***bħas-sigurtà tal-ikel, l-istabbiltà u l-prevedibbiltà għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura[2]***.
[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final).	[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, **"**Il-Patt Ekoloġiku Ewropew**"** (COM/2019/640 final).
	Or. hr

Emenda 53
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura jenħtieġ li titfassal biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u biex timmonitorja l-progress lejn l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni, bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew[2].	(2) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura jenħtieġ li titfassal biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u biex timmonitorja l-progress lejn l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni, bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew[2] ***u l-Patt Ewropew għall-Oċeani***[1a].
	[1a] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ewropew għall-Oċeani (COM/2025/281 final).
[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final).	[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final).

Or. en

Emenda 54
Stephen Nikola Bartulica

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura bħalissa tinġabar abbażi ta' ħames atti legali li ma jipprovdux konsistenza sħiħa fl-oqsma statistiċi kollha. Meħtieġ qafas legali komuni biex tiġi żgurata l-konsistenza, jiġu ssimplifikati l-proċessi statistiċi u jiġi permess approċċ aktar olistiku.	(3) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura bħalissa tinġabar abbażi ta' ħames atti legali li ma jipprovdux konsistenza sħiħa fl-oqsma statistiċi kollha. Meħtieġ qafas legali komuni biex tiġi żgurata l-konsistenza, jiġu ssimplifikati l-proċessi statistiċi u jiġi permess approċċ aktar olistiku***, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, tittejjeb iċ-ċertezza legali u***

jsir tfaddil finanzjarju fl-Istati Membri.

Or. hr

Emenda 55
Paulo Do Nascimento Cabral, Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Meħtieġa dejjem aktar statistika Ewropea aktar dettaljata u f'waqtha biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politiki, tal-leġiżlazzjoni tal-UE[3], kif ukoll ta' diversi inizjattivi tal-Kummissjoni, inklużi l-pjanijiet ta' azzjoni għall-produzzjoni organika[4], l-akkwakultura sostenibbli[5] ,[6], ekonomija blu sostenibbli[7], l-iżvilupp tas-settur tal-algi[8], it-tranżizzjoni enerġetika fis-sajd u fl-akkwakultura[9], u l-protezzjoni tal-ekosistema marittima[10].	(4) Meħtieġa dejjem aktar statistika Ewropea aktar dettaljata u f'waqtha biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politiki, tal-leġiżlazzjoni tal-UE[3], kif ukoll ta' diversi inizjattivi tal-Kummissjoni, inklużi l-pjanijiet ta' azzjoni għall-produzzjoni organika[4], l-akkwakultura sostenibbli[5] ,[6], ekonomija blu sostenibbli[7], l-iżvilupp tas-settur tal-algi[8], it-tranżizzjoni enerġetika fis-sajd u fl-akkwakultura[9], u l-protezzjoni tal-ekosistema marittima[10]. ***Madankollu, kwalunkwe obbligu addizzjonali tal-ġbir tad-data introdott skont dan ir-Regolament għandu jkun strettament meħtieġ u proporzjonat għall-objettivi segwiti u ma għandux jimponi piż amministrattiv mhux dovut jew kostijiet finanzjarji indiretti, b'mod partikolari fuq sajjieda fuq skala żgħira, operaturi tal-akkwakultura, u operaturi, speċjalment fir-reġjuni ultraperiferiċi.***
[3] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj/eng; Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. ĠU L 20, 26.1.2010,	[3] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj/eng; Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. ĠU L 20, 26.1.2010,

p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj; u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj.

[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika (COM/2021/141 final).

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Linji gwida strateġiċi għal akkwakultura tal-UE li tkun aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu bejn l-2021 u l-2030 (COM/2021/236 final).

[6] Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96 (COM/2023/597 final).

[7] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ ġdid għal ekonomija blu sostenibbli fl-UE It-trasformazzjoni tal-Ekonomija Blu tal-UE għal Futur Sostenibbli (COM/2021/240 final).

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Lejn Settur tal-Algi tal-UE B'Saħħtu u Sostenibbli (COM/2022/592 final).

[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-

p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj; u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj.

[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika (COM/2021/141 final).

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Linji gwida strateġiċi għal akkwakultura tal-UE li tkun aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu bejn l-2021 u l-2030 (COM/2021/236 final).

[6] Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96 (COM/2023/597 final).

[7] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ ġdid għal ekonomija blu sostenibbli fl-UE It-trasformazzjoni tal-Ekonomija Blu tal-UE għal Futur Sostenibbli (COM/2021/240 final).

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Lejn Settur tal-Algi tal-UE B'Saħħtu u Sostenibbli (COM/2022/592 final).

[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija tas-Settur tas-Sajd u tal-Akkwakultura tal-UE (COM/2023/100 final).

[10] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Nipproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti (COM/2023/102 final).

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija tas-Settur tas-Sajd u tal-Akkwakultura tal-UE (COM/2023/100 final).

[10] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Nipproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti (COM/2023/102 final).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura li l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tal-proporzjonalità. Filwaqt li data mtejba hija essenzjali biex tappoġġa l-politiki u l-inizjattivi strateġiċi tal-UE, obbligi ġodda tal-ġbir tad-data ma jridux joħolqu piżijiet amministrattivi jew finanzjarji indiretti li jkunu eċċessivi, b'mod partikolari għas-sajd fuq skala żgħira, l-operaturi tal-akkwakultura u l-komunitajiet kostali. Hija meħtieġa kunsiderazzjoni speċjali għar-reġjuni ultraperiferiċi, li r-restrizzjonijiet strutturali, il-periferiċità ġeografika u l-vulnerabbiltà ekonomika tagħhom jeħtieġu salvagwardji mfassla apposta biex jipprevjenu impatti sproporzjonati.

Emenda 56
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Ir-riżoluzzjonijiet mill-Parlament enfasizzaw ukoll l-importanza għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura***[11] ,[12]***.	(5) Ir-riżoluzzjonijiet mill-Parlament enfasizzaw ukoll l-importanza għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura[12]***, inkluża l-ħtieġa għal aktar data u data aħjar dwar is-sajd rikreattiv[13a]***.

[11] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Mejju 2022 lejn ekonomija blu sostenibbli fl-UE: ir-rwol tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura (2021/2188(INI)).

[12] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-impenn favur akkwakultura sostenibbli u kompetittiva fl-UE: it-triq 'il quddiem (2021/2189(INI)).

[12] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-impenn favur akkwakultura sostenibbli u kompetittiva fl-UE: it-triq 'il quddiem (2021/2189(INI)).

[13a] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Mejju 2022 lejn ekonomija blu sostenibbli fl-UE: ir-rwol tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura (2021/2188(INI)).

Or. en

Emenda 57
Ana Miranda Paz, Maria Zacharia

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-politika Komuni tas-Sajd hija bbażata fuq approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd. F'dan il-kuntest, l-informazzjoni statistika li tappoġġa l-politika tas-sajd għandha tippermetti l-valutazzjoni tal-interazzjonijiet bejn l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura u l-ekosistemi tal-baħar. L-integrazzjoni tal-parametri ambjentali fl-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura tikkontribwixxi għal koerenza politika mtejba bejn il-Politika Komuni tas-Sajd u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, inkluża d-Direttiva 2008/56/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin.

Or. en

Emenda 58
Ana Miranda Paz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tenfasizza l-kisba tat-tliet pilastri tas-sostenibbiltà: ambjentali, soċjali u ekonomiku.

Or. en

Emenda 59
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-koerenza, ***il-komparabbiltà*** u l-interoperabbiltà tad-data, kif ukoll il-formati uniformi ta' rapportar, huma essenzjali għall-effiċjenza tal-ġbir tad-data u l-kwalità tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura.	(9) Il-koerenza ***tad-data u tal-metodi tal-kalkoli***, ***flimkien mal-komparabbiltà*** u l-interoperabbiltà tad-data, kif ukoll il-formati uniformi ta' rapportar, huma essenzjali għall-effiċjenza tal-ġbir tad-data u l-kwalità tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura***, filwaqt li titqies id-diversità tal-ħtiġijiet fost l-utenti aħħarin, li jistgħu jvarjaw skont il-mandati u l-objettivi tagħhom***.

Or. fr

Emenda 60
Ana Miranda Paz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà tad-data, kif ukoll il-formati uniformi ta' rapportar, huma essenzjali għall-effiċjenza tal-ġbir tad-data	(9) Il-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà tad-data, kif ukoll il-formati uniformi ta' rapportar, huma essenzjali għall-effiċjenza tal-ġbir tad-data

u l-kwalità tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura.	u l-kwalità tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura. ***Il-kontinwazzjoni tas-serje kronoloġika tad-data eżistenti hija essenzjali għall-komparabbiltà tad-data qabel u wara l-adozzjoni ta' dan il-qafas il-ġdid.***

Or. en

Emenda 61
Stephen Nikola Bartulica

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Il-proposta jenħtieġ li ttejjeb il-ġbir tad-data, tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, u ttejjeb il-koordinazzjoni fost id-diversi sorsi amministrattivi responsabbli għat-twettiq tal-ħidma statistika.

Or. hr

Emenda 62
Stephen Nikola Bartulica

Proposta għal regolament
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) Huwa essenzjali li tiġi pprovduta d-data meħtieġa biex tkun tista' ssir valutazzjoni ġenwina tas-sitwazzjoni fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, u biex jiġi evitat li s-settur jiffaċċja aktar impożizzjonijiet u restrizzjonijiet minħabba n-nuqqas ta' data adegwata.

Or. hr

Emenda 63
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jallinja t-talbiet għad-data, id-definizzjonijiet, il-metodoloġiji u l-formati ta' rapportar tiegħu ma' dawk tal-FAO u tal-OECD biex jittejbu l-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.	(10) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jallinja t-talbiet għad-data, id-definizzjonijiet, il-metodoloġiji u l-formati ta' rapportar tiegħu ma' dawk tal-FAO u tal-OECD biex jittejbu l-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv. ***L-aċċess għal din id-data jrid jiġi żgurat għal partijiet ikkonċernati ewlenin oħra, b'mod partikolari s-CSTEP, il-Gruppi ta' Koordinazzjoni Reġjonali (skont ir-Regolament (UE) 2017/1004) dwar il-qafas tal-ġbir tad-data) jew organizzazzjonijiet reġjonali oħra bħall-ICES jew il-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent (WECAFC).***

Or. fr

Emenda 64
Kristoffer Storm

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jallinja t-talbiet għad-data, id-definizzjonijiet, il-metodoloġiji u l-formati ta' rapportar tiegħu ma' dawk tal-FAO u tal-OECD biex jittejbu l-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.	(10) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jallinja t-talbiet għad-data, id-definizzjonijiet, il-metodoloġiji u l-formati ta' rapportar tiegħu ma' dawk tal-FAO u tal-OECD biex jittejbu l-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv***, li min-naħa tiegħu jnaqqas il-piż ekonomiku fuq l-industrija tas-sajd u jiżgura l-vijabbiltà tagħha***.

Emenda 65
Ana Miranda Paz, Maria Zacharia

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-istatistika Ewropea dwar l-akkwakultura jenħtieġ li tkun ibbażata fuq definizzjoni ċara ta' "stabbilimenti tal-akkwakultura" li: (i) tkompli tiddistingwihom mill-istatistika skont il-Liġi tal-Unjoni dwar is-Saħħa tal-Annimali[16]; ***u*** (ii) tqis il-karatteristiċi uniċi tal-akkwakultura (inkluża l-produzzjoni tal-pjanti, tal-algi u taċ-ċjanobatterji) u l-koeżistenza ta' diversi linji ta' produzzjoni.	(11) L-istatistika Ewropea dwar l-akkwakultura jenħtieġ li tkun ibbażata fuq definizzjoni ċara ta' "stabbilimenti tal-akkwakultura" li: (i) tkompli tiddistingwihom mill-istatistika skont il-Liġi tal-Unjoni dwar is-Saħħa tal-Annimali[16]; (ii) tqis il-karatteristiċi uniċi tal-akkwakultura (inkluża l-produzzjoni tal-pjanti, tal-algi u taċ-ċjanobatterji) u l-koeżistenza ta' diversi linji ta' produzzjoni***; u (iii) tinkorpora parametri soċjoekonomiċi u ambjentali rilevanti assoċjati mal-attivitajiet tal-akkwakultura, inkluż il-konsum tal-enerġija, l-interazzjonijiet mal-ekosistemi tal-baħar u tal-ilma ħelu, il-pressjonijiet fuq il-ħabitats u l-bijodiversità, il-kundizzjonijiet tal-kwalità tal-ilma u l-kapaċità ta' portata ambjentali taż-żoni tal-produzzjoni, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tal-akkwakultura u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni***.
[16] Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"), ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.	[16] Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"), ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

Emenda 66
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-istatistika Ewropea dwar l-akkwakultura jenħtieġ li tkun ibbażata fuq definizzjoni ċara ta' "stabbilimenti tal-akkwakultura" li: (i) tkompli tiddistingwihom mill-istatistika skont il-Liġi tal-Unjoni dwar is-Saħħa tal-Annimali[16]; u (ii) tqis il-karatteristiċi uniċi tal-akkwakultura (inkluża l-produzzjoni tal-pjanti**,** tal-algi ***u taċ-ċjanobatterji***) u l-koeżistenza ta' diversi linji ta' produzzjoni.	(11) L-istatistika Ewropea dwar l-akkwakultura jenħtieġ li tkun ibbażata fuq definizzjoni ċara ta' "stabbilimenti tal-akkwakultura" li: (i) tkompli tiddistingwihom mill-istatistika skont il-Liġi tal-Unjoni dwar is-Saħħa tal-Annimali[16]; u (ii) tqis il-karatteristiċi uniċi tal-akkwakultura (inkluża l-produzzjoni tal-pjanti ***u*** tal-algi ***inklużi ċ-ċjanobatterji***) u l-koeżistenza ta' diversi linji ta' produzzjoni. ***Il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi miri volontarji għat-tkabbir tal-produzzjoni tal-algi fl-UE[1a]. L-istatistika bażika dwar il-produzzjoni tal-algi hija essenzjali biex jiġi mmonitorjat il-progress tal-produzzjoni u tal-valorizzazzjoni tal-bijoekonomija tal-algi.***
	[1a] mill-Patt Ewropew għall-Oċeani (COM/2025/281 final): "Il-Kummissjoni se tipproponi ż-żieda fil-produzzjoni Ewropea tal-algi, inkluż permezz tal-Istrateġija l-ġdida dwar il-Bijoekonomija li għandha tiġi adottata sa tmiem l-2025, it-tnedija ta' Sħubija għall-Innovazzjoni tal-Bijoekonomija Blu sal-2027 u l-istabbiliment ta' miri għat-tkabbir tal-produzzjoni tal-algi fl-UE."
[16] Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"), ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.	[16] Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"), ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

Or. en

Emenda 67
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti għall-informazzjoni, tista' tinġabar data ad hoc dwar is-sajd u l-akkwakultura. ***Tali*** talba għal data addizzjonali jenħtieġ li tiġi sostanzjata kif xieraq u jenħtieġ li ma timponi l-ebda piż sproporzjonat fuq ir-rispondenti u fuq l-awtoritajiet nazzjonali.	(14) Sabiex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti għall-informazzjoni, tista' tinġabar data ad hoc dwar is-sajd u l-akkwakultura. ***Kwalunkwe*** talba ***bħal din*** għal data addizzjonali jenħtieġ li tiġi sostanzjata kif xieraq u jenħtieġ li ma timponi l-ebda piż sproporzjonat fuq ir-rispondenti u fuq l-awtoritajiet nazzjonali. ***Jenħtieġ li din tkun preċeduta minn valutazzjoni ex ante ppubblikata tal-impatti amministrattivi u finanzjarji, inkluż fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jenħtieġ li tipprevedi eżenzjonijiet fejn jintwera li l-kostijiet huma sproporzjonati.***

Or. en

Emenda 68
Paulo Do Nascimento Cabral, Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti għall-informazzjoni, tista' tinġabar data ad hoc dwar is-sajd u l-akkwakultura. Tali talba għal data addizzjonali jenħtieġ li tiġi sostanzjata kif xieraq u jenħtieġ li ma timponi l-ebda piż sproporzjonat fuq ir-rispondenti u fuq l-awtoritajiet nazzjonali.	(14) Sabiex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti għall-informazzjoni, tista' tinġabar data ad hoc dwar is-sajd u l-akkwakultura. Tali talba għal data addizzjonali jenħtieġ li tiġi sostanzjata kif xieraq u jenħtieġ li ma timponi l-ebda piż sproporzjonat fuq ir-rispondenti u fuq l-awtoritajiet ***reġjonali,*** nazzjonali ***u tar-Reġjuni Ultraperiferiċi***.

Or. en

Emenda 69
Kristoffer Storm

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti għall-informazzjoni, tista' tinġabar data ad hoc dwar is-sajd u l-akkwakultura. Tali talba għal data addizzjonali jenħtieġ li tiġi sostanzjata kif xieraq u jenħtieġ li ma timponi l-ebda piż sproporzjonat fuq ir-rispondenti u fuq l-awtoritajiet nazzjonali.	(14) Sabiex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti għall-informazzjoni, tista' tinġabar data ad hoc dwar is-sajd u l-akkwakultura. Tali talba għal data addizzjonali jenħtieġ li tiġi sostanzjata kif xieraq u jenħtieġ li ma timponi l-ebda piż ***finanzjarju jew amministrattiv*** sproporzjonat fuq ir-rispondenti u fuq l-awtoritajiet nazzjonali.

Or. en

Emenda 70
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-metodi tal-ġbir tad-data jenħtieġ li jimminimizzaw il-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi fuq ir-rispondenti, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-Istati Membri.	(16) Il-metodi tal-ġbir tad-data jenħtieġ li jimminimizzaw il-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi fuq ir-rispondenti ***u l-awtoritajiet kompetenti***, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-Istati Membri. ***Meta l-konformità tkun tinvolvi kostijiet sproporzjonati relattivi għall-valur statistiku, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddependu fuq data nazzjonali ekwivalenti jew jibbenefikaw minn eżenzjonijiet jew derogi.***

Or. en

Emenda 71

António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jiġi evitat rapportar multiplu mill-Istati Membri, l-istatistika dwar il-qabdiet u l-flotta ***tas-sajd*** tal-Unjoni ***jenħtieġ li*** tiġi prodotta mill-Kummissjoni (Eurostat) mid-data amministrattiva fil-livell ***tal-UE miġbura skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[20] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218)[21], sa fejn ikun possibbli.***	(17) Sabiex jiġi evitat rapportar multiplu mill-Istati Membri, l-istatistika dwar il-qabdiet u l-flotta ***tal-qbid*** tal-Unjoni ***tista', sa fejn ikun possibbli,*** tiġi prodotta mill-Kummissjoni (Eurostat) mid-data amministrattiva fil-livell ***tal-Unjoni***, ***mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri*** u ***soġġetta għal arranġamenti xierqa miftiehma mal-Istat Membru kkonċernat fejn terġa' tintuża d-data fil-livell nazzjonali***.

[20] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006, ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.

[21] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni C/2017/0504, ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/218/oj.

Or. en

Emenda 72
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Jenħtieġ li l-istatistika u r-rapporti tal-kwalità miġbura skont dan ir-Regolament jiġu disseminati mill-Kummissjoni (Eurostat) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009.	(21) Jenħtieġ li l-istatistika u r-rapporti tal-kwalità miġbura skont dan ir-Regolament jiġu disseminati mill-Kummissjoni (Eurostat) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009. ***B'dan il-mod, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura l-konsistenza u l-omoġeneità tal-istatistika ppubblikata mid-diversi korpi tal-UE. Il-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura wkoll li d-data tiġi ppubblikata b'mod kwalitattiv. Peress li d-data spiss tkun kumplessa, jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn spjegazzjonijiet ċari dwar kemm huma rappreżentattivi dawn ir-rapporti u l-istatistika.***

Or. fr

Emenda 73
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas komuni għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri***, meħtieġ approċċ koordinat u armonizzat. Għalhekk, għal raġunijiet ta' koerenza u komparabbiltà, l-objettiv jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni***, ***fejn*** l-Unjoni ***jenħtieġ li tkun*** tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-	(26) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas komuni għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri ***li jaġixxu waħidhom***, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 ***tat-TUE u l-Protokoll Nru 2***. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament

sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 ***tat-TFUE***. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità ***kif stabbilit fl-istess Artikolu***, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma ***jmurx lil hinn minn*** dak li huwa meħtieġ ***sabiex*** jintlaħaq ***dak l-objettiv***.	jenħtieġ li ma ***jaqbiżx*** dak li huwa meħtieġ ***biex*** jintlaħaq ***l-objettiv tiegħu u jenħtieġ li jirrispetta l-organizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali tal-istatistika, inkluża l-għażla tas-sorsi u l-metodi tad-data, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kwalità miftiehma***.

Or. en

Emenda 74
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Il-ħtiġijiet statistiċi tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu ssodisfati primarjament permezz tal-użu u l-adattament tal-flussi tad-data nazzjonali eżistenti. Kwalunkwe arranġament operazzjonali li bih il-Kummissjoni (Eurostat) tuża mill-ġdid data fil-livell nazzjonali biex tipproduċi statistika Ewropea jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-qbil minn qabel tal-Istat Membru kkonċernat u jenħtieġ li jkun soġġett għal valutazzjoni ex ante li turi l-valur miżjud tal-UE, in-neċessità u l-proporzjonalità, inklużi l-impatti amministrattivi u finanzjarji.

Or. en

Emenda 75
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet emerġenti tad-data fis-sajd u fl-	(27) Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet emerġenti tad-data fis-sajd u fl-

akkwakultura, u l-prijoritajiet ta' politika li qed jinbidlu, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tas-suġġetti dettaljati elenkati f'dan ir-Regolament u fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti għal ġabriet tad-data ad hoc. Meta tadotta atti delegati, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tikkunsidra*** l-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi. Huwa importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[26]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom jenħtieġ li jkollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[26] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet**,** ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

akkwakultura, u l-prijoritajiet ta' politika li qed jinbidlu, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tas-suġġetti dettaljati elenkati f'dan ir-Regolament u fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti għal ġabriet tad-data ad hoc. Meta tadotta atti delegati, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tillimita*** l-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi. Huwa importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[26]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom jenħtieġ li jkollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[26] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ***(***ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj***)***.

Or. fr

Emenda 76
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(27a) F'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1203, jenħtieġ li l-Istati Membri jittrażmettu lill-Kummissjoni data statistika rilevanti dwar ir-reati ambjentali elenkati fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva. Ksur serju tar-Regolamenti (KE) Nru 1224/2009[1a] u (KE) Nru 1005/2008[2a] huwa madankollu mhux elenkat fl-artikolu rispettiv. Id-dispożizzjoni hija għalhekk introdotta f'dan ir-Regolament għal ġbir ta' data dwar reati kriminali fil-qasam tal-politika tas-sajd, inklużi dawk li jikkawżaw ħsara lill-ambjent marin, biex tirrifletti d-dispożizzjoni li teżisti fid-Direttiva (UE) 2024/1203.

[1a] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd

[2a] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

Or. en

Emenda 77
Paulo Do Nascimento Cabral, Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***kemm l-Istati Membri kif ukoll*** l-Unjoni jenħtieġ li ***jkunu*** meħtieġa ***jipprovdu*** finanzjament. Għalhekk jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta'	(30) Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni jenħtieġ li ***tkun*** meħtieġa ***tipprovdi*** finanzjament. Għalhekk jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni***, b'mod partikolari*** fil-forma ta' għotjiet***, biex tgħin lill-Istati Membri u lir-Reġjuni Ultraperiferiċi***

għotjiet.

jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-ġbir tad-data u tar-rapportar.

Or. en

Emenda 78
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) id-data statistika anonimizzata dwar l-istadji ta' rapportar, investigattivi u ġudizzjarji tar-reati kriminali fir-rigward ta' mġiba illegali koperta fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

Or. en

Emenda 79
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-flussi fl-akkwakultura;	(b) il-flussi fl-akkwakultura***, inkluża data relatata mal-imfaqas u n-nurseries***;

Or. en

Emenda 80
Ana Miranda Paz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-konsum tal-enerġija fl-istabbilimenti tal-akkwakultura;

Or. en

Emenda 81
Ana Miranda Paz, Maria Zacharia

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-istatistika msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinkludi data soċjoekonomika bħall-ġeneru, l-età, l-edukazzjoni u l-introjtu, fost l-oħrajn, u parametri ambjentali li jippermettu l-valutazzjoni tal-interazzjonijiet bejn l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura u l-ekosistemi tal-baħar, inklużi l-impatti fuq il-ħabitats tal-baħar, il-bijodiversità u l-kwalità tal-ilma. Il-ġbir ta' tali informazzjoni għandu, fejn possibbli, jiddependi fuq sistemi ta' monitoraġġ, sorsi tad-data amministrattiva jew oqfsa tar-rapportar ambjentali eżistenti stabbiliti fl-ambitu tad-dritt tal-Unjoni filwaqt li fl-istess ħin jevita kemm jista' jkun li jiżdied il-piż amministrattiv tas-sajjieda u tal-operaturi.

Or. en

Emenda 82
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "ilmijiet tal-Unjoni", "riżorsi	(1) "ilmijiet tal-Unjoni", "riżorsi

bijoloġiċi tal-baħar", "bastiment tas-sajd", "bastiment tas-sajd tal-Unjoni", "qbid skartat", "***akkwakultura", "***attività tas-sajd", "prodotti tas-sajd" u "prodotti tal-akkwakultura", għandu jkollhom it-tifsira li għandhom skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 4(1), fil-punti (1), (2), (4), (5), (10), (25), (28), (29) u (34) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33];

[33] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.

bijoloġiċi tal-baħar", "bastiment tas-sajd", "bastiment tas-sajd tal-Unjoni", "qbid skartat", "attività tas-sajd", "prodotti tas-sajd" u "prodotti tal-akkwakultura", għandu jkollhom it-tifsira li għandhom skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 4(1), fil-punti (1), (2), (4), (5), (10), (25), (28), (29) u (34) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33];

[33] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.

Or. en

Emenda 83
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "akkwakultura" tfisser it-trobbija ta' organiżmi akkwatiċi, inklużi l-ħut, il-molluski, il-krustaċji u l-pjanti akkwatiċi, li tista' u ma tistax tieħu l-forma ta' produzzjoni tal-organiżmi inkwistjoni lil hinn mill-kapaċità naturali tal-ambjent. Il-biedja timplika xi forma ta' intervent fil-proċess tat-trobbija biex tiżdied il-produzzjoni, bħall-istokkjar, it-tagħlif, il-protezzjoni mill-predaturi regolari, eċċ. Il-biedja timplika wkoll is-sjieda individwali jew korporattiva tal-istokk li qiegħed jiġi

kkoltivat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bażi hija d-definizzjoni tal-FAO, u d-definizzjoni tintroduċi wkoll li, għall-kuntrarju tad-definizzjoni datata tal-UE, l-akkwakultura mhux neċessarjament tieħu l-forma ta' produzzjoni li teħtieġ it-tagħlif (id-definizzjoni tal-UE tinkludi li skont id-definizzjoni sservi "biex iżżid il-produzzjoni tal-organiżmi inkwistjoni lil hinn mill-kapaċità naturali tal-ambjent", iżda tista' tkun produzzjoni li tirrispetta l-kapaċità naturali tal-ambjent.

Emenda 84
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "speċi sensittiva" ***għandu jkollha t-tifsira li għandha skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 6, il-punt (8)*** tar-Regolament (UE) ***Nru 2019/1241***[34];	(3) "speċi sensittiva" ***tfisser speċi li l-istat ta' konservazzjoni tagħha, inkluż il-ħabitat, id-distribuzzjoni, id-daqs tal-popolazzjoni jew il-kundizzjoni tal-popolazzjoni tagħha, huwa affettwat b'mod negattiv minn pressjonijiet li jirriżultaw minn attivitajiet tal-bniedem, inkluż l-attivitajiet tas-sajd. L-ispeċijiet sensittivi, b'mod partikolari, jinkludu l-ispeċijiet elenkati fl-Annessi II u IV tad-Direttiva 92/43/KEE, l-ispeċijiet elenkati fl-Annessi A, B u C*** tar-Regolament ***tal-Kummissjoni*** (UE) ***2023/966 tal-15 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97***[1a]***, l-ispeċijiet koperti mid-Direttiva 2009/147/KE u l-ispeċijiet li l-protezzjoni tagħhom hija meħtieġa biex jinkiseb status ambjentali tajjeb skont id-Direttiva 2008/56/KE***;
	[1a] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/966 tal-15 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 biex jiġu riflessi l-emendi adottati fid-19-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar il-

Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu

34 Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005, ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj.

Or. en

Emenda 85
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) "stabbiliment tal-akkwakultura" tfisser kwalunkwe bini delimitat jew identifikat b'mod amministrattiv fejn isseħħ l-akkwakultura, bl-eċċezzjoni tal-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-ispeċijiet ornamentali***. L-istess stabbiliment tal-akkwakultura jista' jkollu diversi linji ta' produzzjoni***;	(14) "stabbiliment tal-akkwakultura" tfisser kwalunkwe bini delimitat jew identifikat b'mod amministrattiv***, jew żona b'konfini mmarkati b'mod ċar,*** fejn isseħħ l-akkwakultura, bl-eċċezzjoni tal-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-ispeċijiet ornamentali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

eż. iż-żona ta' riinstallazzjoni wisq probabbli mhijiex delimitata b'mod amministrattiv, u mhux neċessarjament tista' tammonta għal "bini", madankollu hija parti importanti mill-akkwakultura tal-bivalvi, inkluż għal raġunijiet ta' sikurezza tal-ikel.

Emenda 86
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) "żona ta' riinstallazzjoni" tfisser kwalunkwe żona fil-baħar, f'estwarju jew f'laguna bil-konfini mmarkati b'mod ċar u indikati b'bagi, sinjali jew kwalunkwe mezz ieħor fiss, u użata esklużivament għat-tisfija naturali ta' molluski bivalvi ħajjin.

Or. en

Emenda 87
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) "imqafas u nurseries" tfisser postijiet fejn jitnisslu, jfaqqsu u jitrabbew b'mod artifiċjali fl-istadji bikrija tal-ħajja l-annimali akkwatiċi. Għall-finijiet ta' statistika, l-imfaqas huma limitati għall-produzzjoni tal-bajd iffertilizzat. ***L-ewwel stadji*** tal-frieħ ta' annimali akkwatiċi jiġu prodotti fin-nurseries;	(17) "imqafas u nurseries" tfisser postijiet fejn jitnisslu, jfaqqsu u jitrabbew b'mod artifiċjali fl-istadji bikrija tal-ħajja l-annimali akkwatiċi. Għall-finijiet ta' statistika, l-imfaqas huma limitati għall-produzzjoni tal-bajd iffertilizzat ***u l-larvi***. ***L-istadji li ġejjin*** tal-frieħ ta' annimali akkwatiċi jiġu prodotti fin-nurseries;

Or. en

Emenda 88

Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) "meħlusa fl-ambjent naturali" tfisser ir-rilaxx intenzjonat ta' organiżmi akkwatiċi għar-ripopolazzjoni – għajr għal skopijiet ta' akkwakultura – ta' xmajjar, lagi u ilmijiet oħra;	(19) "meħlusa fl-ambjent naturali" tfisser ir-rilaxx intenzjonat ta' organiżmi akkwatiċi għar-ripopolazzjoni – għajr għal skopijiet ta' akkwakultura – ta' xmajjar, lagi u ilmijiet oħra***, inkluża l-introduzzjoni intenzjonata ta' ħut żgħir biex jiġi restawrat jew jitjieb l-istat tal-popolazzjoni ta' speċijiet indiġeni karatteristiċi***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Anness VII tar-regolament dwar ir-restawr tan-natura – eżempju ta' miżura għar-restawr tan-natura "(29) Ir-restawr jew it-titjib tal-istat tal-popolazzjoni ta' speċi indiġeni karatteristiċi li huma vitali għall-ekoloġija tal-ħabitats tal-baħar billi jitwettqu miżuri ta' restawr passiv jew attiv, pereżempju, l-introduzzjoni ta' ħut żgħir."

Emenda 89
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Is-suġġetti dettaljati, il-frekwenzi tat-trażmissjoni, il-perjodi ta' referenza u d-dimensjonijiet relatati ma' speċijiet sensittivi, il-produzzjoni organika u d-diżaggregazzjoni reġjonali rigward l-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 1, għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.	1. Is-suġġetti dettaljati, il-frekwenzi tat-trażmissjoni, il-perjodi ta' referenza u d-dimensjonijiet relatati ma' speċijiet sensittivi, ***speċijiet elenkati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/966,*** il-produzzjoni organika***, il-produzzjoni mhux mitmugħa*** u d-diżaggregazzjoni reġjonali rigward l-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 1, għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mar-Regolament CITES (ir-Regolament (UE) 2025/130), l-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet li jnisslu l-ispeċijiet elenkati fl-Appendiċi I fil-magħluq għal finijiet kummerċjali, se tingħabar fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Madankollu, għal speċijiet ta' Appendiċijiet oħra, bħal pereżempju s-sallura Ewropea, ma hemm l-ebda dispożizzjoni bħal din għall-ġbir tad-data. L-ispeċi hija f'periklu kritiku, u f'konformità mar-riżoluzzjoni adottata fil-COP20, ikun mixtieq li tinkiseb kemm jista' jkun data dwar l-ispeċi (eż. fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiżdiedu l-ispeċijiet tas-CITES ma' speċijiet sensittivi, jew taħt akkwakultura bbażata fuq il-qbid). B'mod ġenerali, aktar data dwar il-fluss fl-akkwakultura tal-ispeċijiet kollha tas-CITES, kif rilevanti, inklużi l-isturjuni, bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, tista' tgħin biex jingħalqu l-lakuni fid-data.

Emenda 90
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv u finanzjarju***, ***Stat Membru jista' jiġi eżentat*** milli jibgħat id-data dwar ċertu varjabbli lill-Kummissjoni (Eurostat) jekk:	3. ***Il-Kummissjoni tista', fuq talba motivata mill-Istat Membru kkonċernat***, ***billi tikkunsidra kif xieraq il-limiti għall-identifikazzjoni tal-varjabbli eżentati, teżentah*** milli jibgħat id-data dwar ċertu varjabbli lill-Kummissjoni (Eurostat) jekk:

Or. en

Emenda 91
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-varjabbli jammonta għal proporzjon żgħir tal-produzzjoni tal-akkwakultura fil-livell nazzjonali jew reġjonali (iż-żona tal-FAO jew il-livell NUTS 2).	(b) il-varjabbli jammonta għal proporzjon żgħir tal-produzzjoni tal-akkwakultura fil-livell ***Ewropew,*** nazzjonali jew reġjonali (iż-żona tal-FAO jew il-livell NUTS 2)***, meta jitqies li l-limiti ġew stabbiliti mill-att ta' implimentazzjoni rilevanti***.

Or. fr

Emenda 92
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. il-ġbir, l-ipproċessar jew it-trażmissjoni tal-varjabbli jkunu jinvolvu kostijiet amministrattivi jew finanzjarji sproporzjonati fir-rigward tal-valur statistiku tiegħu, filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' sorsi u metodi tad-data nazzjonali ekwivalenti.

Or. en

Emenda 93
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 għall-finijiet tal-emendar tal-Anness, billi żżid, tħassar jew tbiddel suġġetti dettaljati, inklużi d-deskrizzjonijiet tagħhom, u billi tbiddel il-frekwenzi tat-trażmissjoni, il-perjodi ta' referenza u l-oqsma applikabbli tas-suġġetti dettaljati kif stabbiliti fl-Anness.	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 għall-finijiet tal-emendar tal-Anness, billi żżid, tħassar jew tbiddel suġġetti dettaljati, inklużi d-deskrizzjonijiet tagħhom, u billi tbiddel il-frekwenzi tat-trażmissjoni, il-perjodi ta' referenza u l-oqsma applikabbli tas-suġġetti dettaljati kif stabbiliti fl-Anness. ***Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni jeħtiġilha tqis il-piż amministrattiv u l-kost li jġarrbu r-rispondenti u l-Istati Membri.***

Or. fr

Emenda 94
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4 a. Meta tadotta atti delegati skont dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha (i) twettaq u tippubblika valutazzjoni ex ante tal-impatti amministrattivi u finanzjarji tal-Istat Membru; (ii) turi li l-emendi huma meħtieġa u proporzjonati; u (iii) tiżgura li l-emendi ma jirrikjedux lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ġodda ta' ġbir tad-data primarja meta data nazzjonali ekwivalenti tista' tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità.

Or. en

Emenda 95
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4 b. Qabel l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tippubblika valutazzjoni ex ante tal-impatti amministrattivi u finanzjarji, inkluż fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u fuq l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw flessibbiltà għall-Istati Membri u għandhom jirrikonoxxu sorsi u metodi nazzjonali ekwivalenti, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kwalità fl-Artikolu 11.

Or. en

Emenda 96
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-entrati tekniċi li ġejjin, u meta applikabbli, tas-settijiet tad-data individwali li jridu jiġu trażmessi lill-Kummissjoni (Eurostat):	***Bil-għan li jiġu mminimizzati l-piż amministrattiv fuq ir-rispondenti u l-Istati Membri u l-kostijiet li jġarrbu,*** il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-entrati tekniċi li ġejjin, u meta applikabbli, tas-settijiet tad-data individwali li jridu jiġu trażmessi lill-Kummissjoni (Eurostat):

Or. fr

Emenda 97
Ana Miranda Paz, Maria Zacharia

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) il-varjabbli relatati mal-parametri ambjentali

Or. en

Emenda 98
Ana Miranda Paz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) il-varjabbli soċjoekonomiċi

Or. en

Emenda 99
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Stat Membru jista' jiġi eżentat mit-trażmissjoni ta' varjabbli ad hoc speċifiċi meta juri li l-konformità tkun tinvolvi kostijiet sproporzjonati jew adattamenti kbar tas-sistema statistika tiegħu. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru għandu, fejn fattibbli, jittrażmetti alternattiva aggregata li tissodisfa l-objettiv statistiku sottostanti.

Or. en

Emenda 100
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jispeċifikaw id-data li trid tintbagħat mill-Istati Membri fuq bażi ad hoc meta, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-ġbir ta' informazzjoni addizzjonali jitqies neċessarju għall-fini li jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali. Dawk l-atti ddelegati għandhom jispeċifikaw:	1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa***, mingħajr ma żżid il-piż amministrattiv fuq ir-rispondenti u l-Istati Membri u l-kostijiet li jġarrbu,*** li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jispeċifikaw id-data li trid tintbagħat mill-Istati Membri fuq bażi ad hoc meta, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-ġbir ta' informazzjoni addizzjonali jitqies neċessarju għall-fini li jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali. Dawk l-atti ddelegati għandhom jispeċifikaw:

Or. fr

Emenda 101
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-atti delegati adottati skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu preċeduti minn valutazzjoni ex ante ppubblikata tal-impatti amministrattivi u finanzjarji minn Stat Membru u għandhom juru li l-ħtiġijiet statistiċi addizzjonali ma jistgħux jiġu ssodisfati permezz tal-ġabriet tad-data tal-Unjoni jew nazzjonali eżistenti.

Or. en

Emenda 102
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 5 - paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Stat Membru jista' jiġi eżentat mit-trażmissjoni ta' varjabbli ad hoc speċifiċi meta juri li l-konformità tkun tinvolvi kostijiet amministrattivi jew finanzjarji sproporzjonati jew adattamenti kbar tas-sistema statistika tiegħu. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru għandu, fejn fattibbli, jittrażmetti alternattiva aggregata li tissodisfa l-objettiv statistiku sottostanti.

Or. en

Emenda 103

Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istatistika għandha tkun rappreżentattiva tal-popolazzjoni statistika li tiddeskrivi.	1. L-istatistika għandha tkun rappreżentattiva tal-popolazzjoni statistika li tiddeskrivi. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konformità mal-qafas tal-assigurazzjoni tal-kwalità biex tiggarantixxi l-kopertura u l-komprensività tad-data. Fil-każ li ċertu sajd ma jkunx kopert, il-Kummissjoni għandha tgħid dan b'mod espliċitu.***

Or. fr

Emenda 104
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
90 % tal-flotta tal-qbid tal-Unjoni, għall-piż tal-qbid skartat;	***95 %*** tal-flotta tal-qbid tal-Unjoni, għall-piż tal-qbid skartat;

Or. en

Emenda 105
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
90 % tal-persuni fiżiċi involuti fis-sajd rikreattiv;	***95 %*** tal-persuni fiżiċi involuti fis-sajd rikreattiv;

Or. en

Emenda 106
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
95 % tal-produzzjoni tal-akkwakultura.	95 % tal-produzzjoni tal-akkwakultura***, b'100 % tal-produzzjoni, inklużi l-imfaqas u n-nurseries u l-akkwakultura bbażata fuq il-qbid, tal-ispeċijiet elenkati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/966***.

Or. en

Emenda 107
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-qabdiet u ***dwar il-flotta*** tal-qbid tal-Unjoni, il-Kummissjoni (il-Eurostat) ***għandha*** tuża mill-ġdid id-data rilevanti mill-bażijiet tad-data jew mir-reġistri stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 8(2), li jew jinżammu mill-Kummissjoni jew jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali u li għalihom il-Kummissjoni għandha aċċess. Qabel ixxerred dik l-istatistika, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-istatistika biex tiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità tal-istatistika. ***Jekk Stat Membru joġġezzjona għall-użu mill-ġdid tad-data nazzjonali tiegħu mill-Kummissjoni (il-Eurostat),*** għandu jibgħat lill-Kummissjoni (il-Eurostat) data dwar il-qabdiet u l-flotta tal-qbid fil-forma ta'	1. Għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-qabdiet u ***l-flotta*** tal-qbid tal-Unjoni, il-Kummissjoni (il-Eurostat) ***tista'*** tuża mill-ġdid id-data rilevanti mill-bażijiet tad-data jew mir-reġistri stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 8(2), li jew jinżammu mill-Kummissjoni jew jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali u li għalihom il-Kummissjoni għandha aċċess***, u dan isir biss bi qbil bil-miktub minn qabel tal-Istat Membru kkonċernat u tal-awtorità nazzjonali rilevanti tal-istatistika***. Qabel ixxerred dik l-istatistika, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-istatistika biex tiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità tal-istatistika. ***Fl-assenza ta' tali qbil, l-Istat Membru*** għandu jibgħat lill-Kummissjoni (il-Eurostat) data dwar il-

settijiet tad-data aggregati. ***Tali oġġezzjoni għandha tiġi ssostanzjata kif xieraq u nnotifikata mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni (il-Eurostat) mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel il-bidu tas-sena ta' referenza.***	qabdiet u l-flotta tal-qbid fil-forma ta' settijiet tad-data aggregati.

Or. en

Emenda 108
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk data rilevanti dwar il-ħatt l-art jew dwar l-akkwakultura ssir disponibbli minn kwalunkwe bażi tad-data jew reġistru ieħor stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni (il-Eurostat) ***għandha*** tuża mill-ġdid dik id-data biex tipproduċi statistika ***skont l-istess proċeduri kif stabbilit fil-paragrafu*** 1, ***diment*** li tali data tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 11.	3. Jekk data rilevanti dwar il-ħatt l-art jew dwar l-akkwakultura ssir disponibbli minn kwalunkwe bażi tad-data jew reġistru ieħor stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni (il-Eurostat) ***tista'*** tuża mill-ġdid dik id-data biex tipproduċi statistika ***f'konformità mal-paragrafu*** 1, ***dment*** li tali data tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 11.

Or. en

Emenda 109
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konsistenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà tad-data u l-metodi tal-kalkoli bejn l-Istati Membri. Għal dak l-għan, hija għandha tibbaża fuq oqfsa metodoloġiċi, xjentifiċi u tekniċi eżistenti u, fejn meħtieġ, tarmonizza l-metodi

għall-validazzjoni tad-diversi sorsi tad-data disponibbli.

Or. fr

Emenda 110
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-istatistika tal-UE dwar is-sajd u l-akkwakultura tinxtered b'mod ċar, konsistenti u koerenti u tkun ta' kwalità suffiċjenti biex issir aċċessibbli għall-pubbliku. B'mod partikolari, għandha tiddikjara kemm hija rappreżentattiva l-istatistika ppubblikata.

Or. fr

Emenda 111
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri jistgħu jużaw sorsi u metodi tad-data nazzjonali ekwivalenti, inklużi sorsi amministrattivi bbażati fuq id-dritt nazzjonali, l-imputazzjoni, l-istima u l-immudellar, dment li jippermettu li tiġi prodotta statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 11.

Or. en

Emenda 112
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Dan ir-Regolament ma għandux jiġi interpretat bħala li jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu bażijiet tad-data, reġistri jew sistemi ta' stħarriġ ġodda fejn l-objettivi statistiċi jistgħu jintlaħqu permezz ta' arranġamenti nazzjonali eżistenti li jissodisfaw l-Artikolu 11.

Or. en

Emenda 113
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni (il-Eurostat) tista' tittrażmetti d-data aggregata koperta minn dan ir-Regolament lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, intergovernattivi u reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, soġġetta għall-istabbiliment ta' arranġament bejn il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-organizzazzjoni kkonċernata biex jiġi żgurat li d-data tintuża strettament għal finijiet statistiċi jew xjentifiċi. Dan l-arranġament għandu jimplimenta wkoll miżuri xierqa: (i) biex tiġi protetta d-data, b'mod partikolari, biex tiġi żgurata l-protezzjoni fiżika u loġika tad-data kunfidenzjali; u (ii) biex jiġi mmonitorjat u evitat ir-riskju ta' divulgazzjoni illegali jew kwalunkwe użu lil hinn mill-finijiet li għalihom ġiet trażmessa d-data. It-trażmissjoni ta' data ***kunfidenzjali*** f'dan il-kuntest għandha tkun ***bi qbil mal-Istat*** Membru kkonċernat.	Il-Kummissjoni (il-Eurostat) tista' tittrażmetti d-data aggregata koperta minn dan ir-Regolament lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, intergovernattivi u reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, soġġetta għall-istabbiliment ta' arranġament bejn il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-organizzazzjoni kkonċernata biex jiġi żgurat li d-data tintuża strettament għal finijiet statistiċi jew xjentifiċi. Dan l-arranġament għandu jimplimenta wkoll miżuri xierqa: (i) biex tiġi protetta d-data, b'mod partikolari, biex tiġi żgurata l-protezzjoni fiżika u loġika tad-data kunfidenzjali; u (ii) biex jiġi mmonitorjat u evitat ir-riskju ta' divulgazzjoni illegali jew kwalunkwe użu lil hinn mill-finijiet li għalihom ġiet trażmessa d-data. It-trażmissjoni ta' data f'dan il-kuntest għandha tkun ***soġġetta għall-qbil minn qabel tal-Istat*** Membru kkonċernat.

Or. en

Emenda 114
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reġim tranżizzjonali għad-data dwar il-qabdiet ta' speċijiet sensittivi u ta' sajd rikreattiv	Reġim tranżizzjonali għad-data dwar il-qabdiet ta' speċijiet sensittivi***, speċijiet invażivi*** u ta' sajd rikreattiv

Or. fr

Emenda 115
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom ikunu eżentati milli jittrażmettu data relatata mal-qabdiet ta' speċijiet sensittivi u ta' sajd rikreattiv sakemm id-data ssir disponibbli kif meħtieġ mill-Artikoli 14 u 55 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.	B'deroga mill-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom ikunu eżentati milli jittrażmettu data relatata mal-qabdiet ta' speċijiet sensittivi***, ta' speċijiet invażivi*** u ta' sajd rikreattiv sakemm id-data ssir disponibbli kif meħtieġ mill-Artikoli 14 u 55 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

Or. fr

Emenda 116
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-	1. Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-

Regolament, ***tista'*** tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti tal-istatistika nazzjonali u lil awtoritajiet nazzjonali oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, biex tkopri l-kostijiet tal-attivitajiet li ġejjin:	Regolament, ***għandha*** tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti tal-istatistika nazzjonali u lil awtoritajiet nazzjonali oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, biex tkopri l-kostijiet tal-attivitajiet li ġejjin:

Or. fr

Emenda 117
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew ***tal-miżuri*** ta' implimentazzjoni u ***l-atti*** delegati adottati skont dan ir-Regolament, tkun teħtieġ adattamenti maġġuri f'sistema tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu derogi ***lill-Istati Membri*** għal perjodu massimu ta' ***sentejn***. L-Istat Membru rilevanti għandu jippreżenta talba debitament motivata għal tali deroga lill-Kummissjoni fi żmien ***3*** xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ikkonċernat.	Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew ***tal-atti*** ta' implimentazzjoni u delegati adottati skont dan ir-Regolament, tkun teħtieġ adattamenti maġġuri f'sistema tal-istatistika ta' Stat Membru, ***jew tkun tinvolvi kostijiet amministrattivi jew finanzjarji sproporzjonati,*** il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu derogi ***lil dak l-Istat Membru*** għal perjodu massimu ta' ***erba' snin, rinnovabbli fejn ikunu jippersistu l-kundizzjonijiet sottostanti***. L-Istat Membru rilevanti għandu jippreżenta talba debitament motivata għal tali deroga lill-Kummissjoni fi żmien ***sitt*** xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ikkonċernat.

Or. en

Emenda 118
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien indeterminat*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin.***

Or. en

Emenda 119
António Tânger Corrêa, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien indeterminat*** minn [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames snin*** minn [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin.***

Or. en

Emenda 120
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Anness I – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	żid kolonna bit-titolu "speċijiet invażivi" fit-tabella

Or. fr

Emenda 121
Paulo Do Nascimento Cabral, Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Anness I – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Data dwar l-għalf tal-ħut użat fl-akkwakultura, inkluż, meta disponibbli, informazzjoni dwar il-volumi u l-kompożizzjoni tal-materja prima

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għalf tal-ħut jirrappreżenta komponent ewlieni tal-produzzjoni tal-akkwakultura u għandu implikazzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u tal-katina tal-provvista sinifikanti. L-inklużjoni tad-data dwar l-għalf tal-ħut se ttejjeb it-trasparenza, tappoġġa l-valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà, u ssaħħaħ it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza f'oqsma bħas-sigurtà tal-ikel, l-ekonomija ċirkolari u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-baħar.